MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Numru 130/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Denise Mula**
**V**

**DANIEL BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DANIEL BORG** bin il-mejjet Karmenu u Doris nee Ebejer, imwieled Hal Qormi nhar s-sittax ta' Mejju 1958 u residenti 'St. Philip', Triq l-Imdina, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita` numru 401958M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tmintax ta' Frar 2004 gewwa l-Mosta, impjiega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuna ezentati u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond d-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta

Talli wkoll bhala l-persuna responsabbli ghal xoghol li kien qed isir gewwa l-Mosta, impjiega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu w ufficjali.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal jew il-persuna li mpjiega persuni ohra full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm imnizzel fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 [3a sa 10].

Rat d-dokumenti esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta w ghoxrin ta' Frar 2004 esibit fl-atti a fol 13 markat bhala dokument DM 1, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmintax ta' Frar 2004 a fol 4 tal-atti processwali.
Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sbatax ta' Mejju 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmintax ta' Frar 2004 **xehed Mohammed Ali Mofta Elshilmani** kif jirrizulta a fol 7 et seq tal-atti processwali fejn qal li jaf lil imputat peress li hadem ghandu, tant li spjiega il-generu tax-xoghol li ghamel hu u cioe xoghol ta' thaffir fit-triq biex jghaddi pajpjiiet.  Pero qal li flus ma lahaqx ha.  Ix-xhud spjiega wkoll li l-imputat kien staqsieh kellux il-permessi relattivi u x-xhud wiegbu li kellu min jirrangalu.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehdet l-Ispettur Denise Mula** kif jirrizulta a fol 10 et seq tal-atti processwali fejn qalet li hija kienet giet mgharrfa nhar t-tmintax ta' Frar 2003 mill-Pulizija tal-Ghassa tal-Mosta li kienu ghadhom kif kellhom rapport minghand zewg Spetturi tal-ETC li kien hemm persuna bl-isem ta' Mohammed Ali Mofta

Elshilmani jaghmel xoghol ta' thaffir ta' trinek fi triq il-Mosta. Din il-persuna ta' nazzjonalita Gharbija kienet giet akkumpanjata d-Depot tal-Pulizija. Illi hija investigat lil din l-istess persuna w irrizultalha li kienet qed tahdem fi Triq il-Huttaf, Mosta nhar t-tmintax ta' Frar 2004 ghall-habta tad-disgha w ghoxrin ta' filghodu. Illi mill-investigazzjonijiet li ghamlet, irrizulta li l-imghallem taghha kien l-imputat odjern. L-Ispettur Denise Mula kompliet tghid li meta tkellmet mal-imputat u affaccjatu b'din x-xhieda, dan qalilha li kienet din il-persuna li kienet marret ghandu l-gurnata ta' qabel tistaqsih ghal impjieg u hu <u>qalilha biex tmur l-ghada bi prova</u>. Gara pero li l-ghada filghodu l-imputat kellu xi hsarat f'xi makkinarju li juza ghat-thaffir tat-triq u kien mar l-Imgarr u fl-assenza tieghu l-Ispettur tal-ETC kienu gabru lil din il-persuna ta' nazzjonalita barranija mill-akkwati tal-Mosta. Qalilha wkoll li kellu l-intenzjoni li jmur l-ETC dakinhar stess filghodu biex jirregistra din il-persuna ghax-xoghol. Meta l-imputat gie mistoqsi mill-Ispettur ghaliex ma vverifikax jekk din il-persuna kelliex permess huwa wiegeb li kien hemm hafna maltin mizzewwgin Gharab u ghalhekk ma hassx il-htiega li jaghmel l-verifiki relattivi.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed Michael Grech** kif jirrizulta a fol 18 tal-atti processwali fejn iddikjara lli hu jahdem bhala Executive Officer mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet u mitlub jaghmel ricerka f'isem Mohammed Ali Mofta Elshilmani imwieled l-Libja jekk kellux permessi biex jahdem Malta, ikkonferma li tali persuna m'inghatat ebda permess mill-ebda awtorita awtorita ta' Malta biex jahdem f'Malta.

Illi nhar l-erbatax ta' April 2004 **xehed Louis Buhagiar** kif jirrizulta a fol 26 et seq tal-atti processwali fejn qal li huwa kien ircieva rapport li fil-Mosta kien qed isir xoghol ta' thaffir ta' kanen. Huwa mar fuq il-post flimkien ma Anthony Cauchi u sab zewg persuni jahdmu fuq post fi Triq il-Huttaf, Mosta u wiehed minn dawn iz-zewg minn nies deher li kien ta' nazzjonalita Gharbija u li wara sar jaf li kien jismu Mohammed Ali Mofta Elshilmani. Illi dan Mohammed Ali Mofta Elshilmani kien qed jahdem ma persuna ohra bl-isem ta' Jason Deguara u saru jafu

minghand Jason Deguara li l-imghallem kien certu Daniel Borg. Jason Deguara qallu li dan Mohammed Ali Mofta Elshilmani kien qed jahdem mieghu fuq s-sit fejn instabu billi kienu qed jghaddu kanen tal-ilma.

Illi nhar l-erbatax ta' April 2004 **xehed Anthony Cauchi** kif jirrizulta a fol 26 et seq tal-atti processwali fejn ikkonferma din ix-xhieda ta' Louis Buhagiar.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed PS 1174 Adrian Sciberras** kif jirrizulta a fol 20 et seq tal-atti processwali fejn qal li nhar t-tmintax ta' Frar 2003 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta meta ircieva telefonata minghand Spettur tal-ETC, certu Louis Buhagiar, fejn talbu l-assistenza ghaliex kien ra persuna ta' nazzjonalita Gharbija tahdem fi Triq il-Huttaf, Mosta jaghmel xi trinek fit-triq. Huwa ghalhekk mar fuq il-post u mill-investigazzjonijiet preliminari li ghamel sab persuna li rrizulta li kien Mohammed Ali Mofta Elshilmani li qallu li ma kellux l-permess relattiv biex jahdem Malta. Staqsih x'xoghol kien qed jaghmel u fil-fatt meta hu rah, kien bil-kazzola f'idu. Fuq il-post l-Ufficjal kellem wkoll lil Jason Deguara li qallu li kien lavrant u li s-sid kien certu Daniel Borg. Huwa ghalhekk ghamel kuntatt ma Daniel Borg li qallu li kien ghadu kif impjiega lil imputat il-jum ta' qabel u li kien ghadu fil-process li jirranga l-permessi relattivi. Din ix-xhieda tieghu giet konfermata mill-okkorrenza redatta minnu dakinhar stess tat-tmintax ta' Frar 2004. [vide fol 22 tal-atti odjerni]

**Illi nhar t-tmintax ta' Frar 2004 l-imputat irrilaxxja stqarrija** li tinsab esibita a fol 15 tal-atti mill-Ispettur Denise Mula mmarkata bhala dokument DM 3. Illi f'din l-istqarrija l-imputat jispjiega n-natura tax-xoghol tieghu u cioe ta' thaffir ta' trinek ghall-Water Services u li jaghmel xi xoghol ghal Kunsilli. Huwa spjiega li dakinhar stess filghodu huwa mar isewwi xi hsara li kellu fil-kumpressur l-Imgarr u meta gie lura l-impjegat tieghu qallu li l-Pulizija rieditu in konnessjoni mal-Gharbi. Mistoqsi jekk jafx lil Gharbi wiegeb fin-negattiv pero mistoqsi jekk kellux nies jahdmu fuq l-lant tx-xoghol [vide fol 15] huwa wiegeb "*tnejn, imma l-Gharbi ma nafx x'jismu.*" Mistoqsi jekk l-

Gharbi kienx qed jahdem mieghu wara li kien ghadu kif qal li kellu zewg minn nies jahdmu mieghu, l-imputat wiegeb li ma jafx ghaliex kien telaq minn fuq il-post. Mistoqsi kemm kien ilu jahdem mieghu dan l-Gharbi, l-imputat wiegeb li kien mar jahdem mieghu il-gurnata ta' qabel bi prova. Pero jghid li kien sejjer l-ETC sabiex jimla l-formoli ghaliex fi kliemu stess "kull impjegat trid timlilu wahda… sabiex thallaslu l-bolol."
Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2004 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** pero dakinhar biddel il-versjoni tieghu in parte billi qal li llil impjegat la haddmu, la kien mieghu bi prova izda li kien mar biss biex jara jekk in-natura tax-xoghol jghogbux.

Illi din ix-xhieda moghtija viva voce mhux kredibbbli fil-fehma tal-Qorti u dan ghaliex kif tista l-Qorti temmen li l-imputat kien sejjer l-ETC biex jimla l-formoli ta' persuna li kien allegatament mar Supretendent fuq l-lant tax-xoghol biex jara jekk jghogbux ix-xoghol ! Zgur li kien hemm *commitment* iehor sabiex l-imputat kien ser jiehu dawn il-passi biex jassikura l-impjieg ta' dan l-Gharbi.

Illi l-Qorti hija propensa temmen li l-Gharbi kien ghadu kif beda jahdem jew ahjar li kien ghadu bi prova, pero zgur li ma temminx l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat viva voce li Mohammed Ali Mofta Elshilmani kien mar hemm biex jara x-xoghol isir.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paolo Tartaglia** dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 217 u cioe t-tifsira tal-impjieg. Dik il-Qorti irriteniet li:

*"Id-dispost tal-artikolu 11 tal-Kap 217 ma jsemmi ebda tul ta' zmien li wiehed irid ikun ilu jahdem bla permess. Kull ma jesigi dan l-artikolu bhala element kostituttiv tieghu huwa semplicement l-fatt li xi hadd ikun qed jahdem hawnhekk jew jezercita l-professjoni jew xoghol tieghu minghajr permess. Ma jsemmi xejn dwar hlas, kumpens jew zmien."*

Illi mill-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat haddem persuna minghajr l-permessi relattivi minghand l-awtorita kompetenti. Huwa minnu li l-impjieg kien wiehed qasir, ta' jumejn, izda l-fatt semplici li l-imputat haddem persuna mieghu minghajr il-permess tal-Prim Ministru, billi jaghmel xi xoghol hawn Malta u rrispettivament mit-tul ta' zmien, huwa bizzejjed biex jissusisti dan r-reat.

**Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 32 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikioli 30 u 10 tal-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 u tiddikjara li ssib lil imputat DANIEL BORG hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah, stante il-perjodu qasir ta' impjieg, ghal hlas ta' multa komplessiva ta' hames mitt lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------